



30.11.2011

0049/2011

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-istabiliment ta' limitu massimu ta' 8 sigħat ta' vvjaġġar għall-bhejjem li jiġu ttrasportati fl-Unjoni Ewropea biex jittieħdu għall-qatla

Dan Jørgensen, Esther de Lange, Pavel Poc, Carl Schlyter, Andrea Zanoni

Data ta' skadenza: 15.3.2012

0049/2011

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-istabbiliment ta' limitu massimu ta' 8 sigħat ta' vvjaġġar għall-bhejjem li jiġu ttrasportati fl-Unjoni Ewropea biex jittieħdu għall-qatla

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 13 tat-Trattat ta' Lisbona,
 - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Mejju 2010 dwar evalwazzjoni u bilanċ tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Benessri tal-Annimali 2006-2010,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi r-Regolament 1/2005 fil-premessi tiegħu jirrikonoxxi li 't-trasport tal-annimali fit-tul, li jinkludi annimali għall-qatla, għandu jkun limitat kemm jista' jkun' imma xora jippermetti trasportazzjonijiet twal ħafna f'dawk li huma distanza u tul ta' ħin, li jikkawżaw għeja severa, tbatija u anke l-mewt waqt tali vjaġġi;
1. Jinnota li l-petizzjoni 8hours.eu li titlob li jiġi stabbilit limitu massimu ta' 8 sigħat ta' vvjaġġar għall-annimali mibgħuta għall-qatla hija appoġġjata minn kważi miljun persuna Ewropea;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jeżaminaw mill-ġdid ir-Regolament 1/2005 biex jistabbilixxu limitu massimu ta' 8 sigħat għall-vjaġġi tal-annimali ttrasportati biex jittieħdu għall-qatla;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.